## Anness III

## Emendi għas-sezzjonijiet rilevanti tal-informazzjoni tal-prodott

Nota:

Din l-informazzjoni tal-prodott hi r-riżultat tal-proċedura ta' riferiment li għaliha tapplika din id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni.

L-informazzjoni tal-prodott tista' tiġi aġġornata sussegwentement mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, flimkien mal-Istat Membru ta' Referenza, kif xieraq, b'konformità mal-proċeduri stabbiliti f'Kapitlu 4 ta' Titolu III ta' Direttiva 2001/83/KE.

## Emendi għas-sezzjonijiet rilevanti tal-informazzjoni tal-prodott

L-informazzjoni valida tal-prodott hi l-verżjoni finali miksuba matul il-proċedura tal-Grupp ta' Koordinazzjoni bl-emendi li ġejjin (inserzjoni, sostituzzjoni jew tħassir tal-kitba, kif xieraq) li jirriflettu l-kitba maqbula kif muri hawn taħt:

**Sommarju tal-Karatteristiċi tal-Prodott**

Sezzjoni 4.2 Pożoloġija u metodu ta' kif għandu jingħata

*[Il-frażi t'hawn taħt għandha tiġi emendata kif ġej]*

Għal għoti orali u użu fuq żmien qasir biss (mhux aktar minn 3 ijiem).

*[...]*

*[Il-frażi t'hawn taħt għandha tiddaħħal]*

Din il-mediċina hi għall-użu fuq żmien qasir biss u mhijiex rakkomandata għall-użu għal aktar minn 3 ijiem.

*[...]*

Sezzjoni 4.4 Twissijiet speċjali u prekawzjonijiet għall-użu

*[Il-kitba t'hawn taħt għandha tiddaħħal f'din is-sezzjoni]*

*[...]*

Din il-mediċina hi għall-użu fuq żmien qasir biss u mhijiex rakkomandata għall-użu għal aktar minn 3 ijiem.

*[...]*

*Indeboliment tal-Fwied*

*[...]*

*[Il-kitba t'hawn taħt għandha tiddaħħal f'din is-sezzjoni]*

Tnaqqis fid-doża hu rakkomandat f'pazjenti li juru sinjali ta' aggravament tal-funzjoni tal-fwied. Il-kura għandha titwaqqaf f'dawk il-pazjenti li jiżviluppaw insuffiċjenza severa tal-fwied (ara sezzjoni 4.3).

*[...]*

*Indeboliment tal-Kliewi*

*[...]*

*[Il-kitba t'hawn taħt għandha tiddaħħal f'din is-sezzjoni]*

Il-kura għandha titwaqqaf f'dawk il-pazjenti li jiżviluppaw insuffiċjenza severa tal-kliewi (ara sezzjoni 4.3).

*[...]*

Sezzjoni 4.5 Interazzjoni ma' prodotti mediċinali oħra u forom oħra ta' interazzjoni

*[...]*

*[Il-frażi t'hawn taħt għandha tiġi emendata kif ġej]*

Dan il-prodott mediċinali m'għandux jittieħed ma' prodotti mediċinali oħra li jkun fihom paracetamol, ibuprofen, acetylsalicylic acid, salicylates jew ma' kwalunkwe mediċini anti-infjammatorji oħrajn (NSAIDs) ħlief jekk dan isir skont l-istruzzjonijiet ta' tabib.

*[...]*

Sezzjoni 4.8 Effetti mhux mixtieqa

*[...]*

*[L-AEs (Adverse Events - avvenimenti avversi) li ġejjin huma deskritti kif ġej:]*

'Parestesija' għal frekwenza Rari (iċaqilqet minn Rari Ħafna)

'Edema' għal frekwenza Komuni (iċaqilqet minn Rari Ħafna)

*[...]*

Sezzjoni 5.1 Proprjetajiet farmakodinamiċi

*[...]*

*[Il-frażi li ġejja qed titħassar għax hi ripetuta]*

Hu maħsub li l-mekkaniżmu eżatt tal-azzjoni ta' ibuprofen hu permezz ta' inibizzjoni periferali ta' cyclooxygenases u inibizzjoni sussegwenti ta' prostaglandin synthesise.

Sezzjoni 5.3 Tagħrif ta' qabel l-użu kliniku dwar is-sigurtà

*Ibuprofen*

*[Il-frażi li ġejja qed titħassar]*

Is-sustanza attiva ibuprofen turi riskju ambjentali għall-ambjent akwatiku, speċjalment għall-ħut.

Sezzjoni 6.1 Lista ta' eċċipjenti

*[Il-frażi li ġejja qed tiġi emendata]*

*[...]*

- Macrogol/PEG-4000

*[...]*

**B. Tikkettar**

**Kartuna**

## 5. MOD TA' KIF U MNEJN JINGĦATA

*[Il-frażi t'hawn taħt għandha tiġi emendata kif ġej]*

Għal użu orali. Għal għoti fuq żmien qasir biss (mhux aktar minn 3 ijiem).

*[...]*

## 7. TWISSIJA(IET) SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠA

*[...]*

**Tiħux jekk inti:**

*[Il-kitba t'hawn taħt għandha tiddaħħal f'din is-sezzjoni]*

*[...]*
• għandek taħt it-18-il sena

**Kellem lil spiżjar jew lit-tabib tiegħek qabel ma tieħu jekk:**

*[...]*

*[Il-frażi t'hawn taħt għandha tiġi emendata kif ġej]*

Jekk is-sintomi tiegħek ma jmorrux għall-aħjar wara 3 ijiem, jekk immorru għall-agħar jew jekk tiżviluppa sintomi ġodda, kellem lit-tabib tiegħek.

*[...]*

## 15. ISTRUZZJONIJIET DWAR LUŻU

*Adulti:*
*[...]*
*[Il-kitba t'hawn taħt għandha tiddaħħal f'din is-sezzjoni]*

Tiħux għal aktar minn 3 ijiem.

*Tfal taħt it-18-il sena*:

*[Il-frażi t'hawn taħt għandha tiġi emendata kif ġej]*

~~Dan il-prodott mhuwiex rakkomandat għal~~Tagħtix lil tfal taħt 18-il sena.

*[...]*

**C. Fuljett ta' tagħrif**

**Aqra sew dan il-fuljett kollu qabel tibda tieħu din il-mediċina peress li fih informazzjoni importanti għalik.**

*[...]*

*[Il-kitba t'hawn taħt għandha tiddaħħal f'din is-sezzjoni]*

- M'għandekx tieħu dan il-prodott għal aktar minn 3 ijiem.

*[...]*

**Kif għandek tieħu {Paracetamol/Ibuprofen 500 mg/150 mg pilloli miksija b'rita}{Novogesic 500 mg/150 mg pilloli miksija b'rita}**

*[...]*

*[Il-kitba t'hawn taħt għandha tiddaħħal f'din is-sezzjoni]*

Tiħux għal aktar minn 3 ijiem.

*[...]*

**X'fih {Paracetamol / Ibuprofen 500 mg / 150 mg pilloli miksija b'rita} {Novogesic 500 mg / 150 mg pilloli miksija b'rita}**

*[Il-kitba t'hawn taħt għandha tiddaħħal f'din is-sezzjoni]*

*[...]*

macrogol/PEG 4000
*[...]*